## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**RIK NRU 177/2023** GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 2095/2022 FL-ISMIJIET: **CARMELO SIVE CHARLES BIANCO (KI. 44368M) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' WESTERN COMPANY LTD V. SERGIO BANAVAGE (KI. 152976M)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(A)(F) – PREŻENTATA TAL-KAWŻA WARA L-ĦRUĠ TA' MANDAT KAWTELATORJU KONTESTWALMENT MA' ITTRA UFFIĊJALI PPREŻENTATA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Awwissu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Sergio Banavage ("ir-rikorrent sekwestrat" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2023[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet fih premessi talab lill-Qorti s-segwenti:

Illi s-sekwestrant talab u ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi in kawtela tal-allegata pretensjoni tieghu liema mandat gie pprezentat kontestwalment ma' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li ggib referenza 2237/2022 kopja tal-liema qieghda tigi hawn annessa u esebita bhala **Dok.A**;

illi, minkejja l-fatt li l-ittra ufficjali su-riferita giet pprezentata kontestwalment mal-Mandat odjern fis-27 ta' Settembru 2022, l-istess ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lill-esponenti u dana skond ma jirrizulta mir-riferta sitwata f'**Dok.A** b'dana allura li issa ghaddew is-sitt (6) xhur sabiex tali ittra tigi notifikata lill-esponenti ai termini tal-Artikolu 166A(7) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Fol 1-4

Illi mill-fuq premess, jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda raguni fil-Ligi ghaliex il-Mandat ta' Sekwestru odjern ghandu jinzamm fis-sehh, u dana ai termini ta' l-**Artikolu 836(1)(a)** u **(f)** tal-**Kap. 12** tal-**Ligijiet ta' Malta;**

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-**Artikolu 830 u 836** tal-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt illi titratta dan ir-Rikors b'urgenza ai termini ta' l-**Artikolu 836(4)** ta' l-istess **Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**, thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Numru 2095/2022 fl-ismijiet fuq premessi ghar-rgunijiet ga` su-riferiti.

wara li rat ir-risposta ta' Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Western Company Ltd ("l-intimat nomine sekwestrant" jew "l-intimat nomine") ippreżentata fl-4 ta' Awwissu 2023[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

Illi t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda għas-segwenti raġunijiet:

ladarba r-rikorrent Sergio Banavage qiegħed isemmi fir-rikors tiegħu illi huwa jaf bl-ittra uffiċjali in kwistjoni li flimkien magħha sar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi allura għandu issa jitqies illi ta ruħu b'notifikat permezz tar-rikors tiegħu li qed jiġi rispost permezz ta' din ir-risposta.

Illi ladarba huwa hekk allura għadu fit-terminu illi jippresenta n-nota ta' kontestazzjoni u konsegwentement il-mandat m'għandux jiġi revokat sakemm jgħaddu sitt xhur minn meta huwa jikkontesta tali ittra jekk effettivament jikkontestaha u dan dejjem skont dak l-artikolu 836(4) tal-Kap. 12 ċitat mir-rikorrent stess fir-rikors tiegħu.

Illi kif intqal fis-sentenza ***Antoinette Vella vs Kummissarju ta' l-Artijiet***[1]:

> "… ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti citata tkun konsapevoli tal-proceduri kontra taghha u titqieghed f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifika bl-att."

[2] Fol 13-14

Illi jiġi enfasiżżat illi r-rikorrent għadu debitur tas-soċjeta' esponenti fis-somma indikat fil-mandat u qed jippersisti b'dawn il-maniġġi biex jipprova jevita notifika u jtawwal iż-żmien biex imbagħad jagħmel tentattiv bħal dak odjern biex minn fuq, flok iħallas, jiġi revokat il-mandat.

wara li fliet l-atti proċesswali,

qed tagħti dan id-

## Digriet kamerali

1. Kif inhuwa ben magħruf l-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu suppost għandu isir f'kawża appożita. F'dan il-każ, permezz tal-mandat kawtelatorju bin-numru 2095/2022 l-intimat nomine sekwestrant ried iqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' € 4,360.65 rappreżentanti ammont allegatament dovut lilu mir-rikorrent sekwestrat *"rappreżentanti bilanċ t'ammont dovut hekk kif aħjar spjegat fl-ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata kontestwalment".*

2. F'din il-proċedura, ir-rikorrent sekwestrat qed jattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni u jitlob ir-revoka tiegħu abbażi tal-Art. 836(1)(a) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdu kif ġej:

> **« 836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:**
>
> **(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;**
> **...**
> **(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.... »**

3. Ir-rikorrent qed jorbot dawn iż-żewġ kawżali mal-fatt illi skond hu l-ittra uffiċjali li ġiet intavolata kontestwalment mal-mandat, ossia dik li ġġorr in-numru uffiċjali 2237/2022, baqgħet ma ġiet qatt notifikata lilu u issa ladarba għaddew iktar minn sitt (6) xhur mill-ħruġ tagħha, anqas tista' qatt tiġi notifikata ai termini tal-Art. 166A(7) tal-Kap. 12.
4. L-intimat nomine min-naħa tiegħu qed jgħid illi ġaladarba għamel dan ir-rikors, ir-rikorrent għandu issa jitqies li ta ruħu b'notifikat bl-ittra uffiċjali u għalhekk l-

intimat nomine għadu fit-terminu illi jippreżenta nota ta' kontestazzjoni. Għalhekk, jargumenta l-intimat nomine, il-mandat ma jistax jiġi revokat sakemm jgħaddu sitt xhur minn meta tali ittra tiġi kkontestata u dan ai termini tal-Art. 836(4) (sic!) tal-Kap. 12.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12**

5. L-ewwel kawżali invokata mir-rikorrent hija dik illi l-mandat in kwistjoni m'għadux iktar fis-seħħ.

6. Bis-saħħa tal-Att XV tal-2008 u l-emenda sussegwenti tal-Att XII tal-2009, saret possibbli għal kreditur li jippreżenta ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 illi kontestwalment mal-istess ittra jippreżenta ukoll mandat ta' deskrizzjoni jew mandat ta' qbid kawtelatorju jew mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

7. Skond l-Art. 833A tal-Kap. 12:

> **«833A. Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):**
>
> **Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel:**
>
> **Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat. »**

8. Il-kreditur li jagħmel hekk però huwa imbagħad marbut b'terminu strett sabiex jippreżenta l-kawża fil-mertu u filfatt għandu jagħmel dan f'dik id-data minn dawk segwenti li tiġi l-ewwel:

    1. Fi żmien 20 ġurnata minn meta d-debitur jikkuntesta (parzjalment jew bi sħih) l-ittra uffiċjali billi jippreżenta n-nota responsiva, jew

    2. Fi żmien 60 ġurnata mill-ħruġ tal-mandat, jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni

9. Mill-atti jirriżulta illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet intavolata mal-mandat fis-27 ta' Settembru 2022 u baqgħet ma ġietx notifikata lid-debitur sal-ġurnata tal-lum.

10. Dan ifisser illi sas-26 ta' Novembru 2022 l-intimata nomine sekwestrant kellu l-obbligu illi jippreżenta l-kawża peress illi dakinhar kien jaħbat is-sittin (60) ġurnata mill-preżentata tal-mandat u peress ukoll illi sa dakinhar ir-rikorrent sekwestrat ma kienx għadu ġie notifikat.

11. L-intimat nomine jargumenta fir-risposta tiegħu illi l-mandat m'għandux jiġi revokat għaliex il-Qorti kellha tqis li r-rikorrent effettivament ta ruħu b'notifikat bl-ittra uffiċjali (billi ppreżenta r-rikors odjern) u għalhekk issa r-rikorrent għadu fit-terminu li jikkontesta l-ittra ai termini tal-Art. 836(4) (sic!) tal-Kap. 12. Il-Qorti tara li hawnhekk l-intimat nomine qiegħed proprjament jirreferi għal Art. 166A(7) tal-Kap. 12 li jipprovdi kif ġej:

> **« 166A (7). Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, meta ittra uffiċjali ppreżentata skont dan l-artikolu ma tiġix notifikata fuq id-debitur f'sitt xhur minn meta l-istess ittra tiġi ppreżentata, il-proċedura provduta f'dan l-artikolu ma tibqax tapplika mingħajr preġudizzju għall-jedd tal-kreditur li jkun jista' jippreżenta ittra uffiċjali oħra skont dan l-artikolu b'referenza għall-istess debitu »**

12. Tħares minn fejn tħares lejn però dan l-argument tal-intimat huwa fallaċi għall-aħħar. Ibda biex, anke li kieku l-Qorti kellha *dato ma non concesso* tabbraċċja l-posizzjoni tal-intimat illi r-rikorrent ta ruħu b'notifikat bl-ittra uffiċjali appena ppreżenta r-rikors odjern, xorta jibqa' l-fatt illi jkunu għaddew ferm iżjed minn sitt xhur mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali (27 ta' Settembru 2022) sad-data tal-preżentata tar-rikors odjern (14 ta' Lulju 2023). Inoltre u ferm iżjed importanti, jibqa' l-fatt li anke kieku stess l-perjodu ta' sitt xhur għan-notifika tal-ittra uffiċjali kontemplat taħt l-Art. 166A (7) għadu ma skadiex, xorta waħda laħaq skada (bil-wisa') l-perjodu ta' sittin (60) ġurnata kontemplat fl-Art. 833A għall-preżentata tal-kawża wara li ġie intavolat il-mandat.

13. In-nuqqas tal-intimat nomine li jippreżenta l-kawża fit-terminu prefiss lilu jwassal għall-konsegwenza naturali illi l-istess mandat ma baqax iktar fis-seħħ u għalhekk jonqos biss aċċertament ġudizzjarju f'dan ir-rigward.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12**

14. Hija posizzjoni stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi **<u>wara</u>** li jkun inħareġ il-mandat. Digriet li jiġi kkwotat ta' spiss f'dan ir-rigward huwa dak li kien ġie mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor Imħallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "**<u>Francis Spiteri et. v. Charles Darmanin et.</u>**" (Rikors Numru. 571/2010 JRM) fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

*« Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ »*

15. *F'dan is-sens ukoll din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet* ***Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi*** *(Rik. Nru. 1/2020 RM, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi:*

*«Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh in toto jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat. Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-*

*"(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat;*

*(b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;*

*(ċ)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u*

*(d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.*

*Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux[3] »*

16. Kif ġa ingħad iktar 'l fuq, il-mandat *de quo* ma ġiex segwit b'kawża fit-terminu prefiss mill-liġi u għalhekk għalkemm inizjalment il-mandat kien wieħed validu

---

[3] L-istess insenjament jinstab f'numru kbir ta' sentenzi oħra inkluż f'sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fosthom **Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa v. Alexander Mangion u Melvin Mangion** (Rik 1174/2018 LM, deċiża 11 ta' Frar 2019)

skond il-liġi, wara sittin ġurnata mill-ħruġ tiegħu **kien hemm bidla fiċ-ċirkustanzi** illi għamlu l-mandat mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

**Deċiżjoni**

17. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent sekwestrat u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2095/2022 maħruġ fl-ismijiet premessi ai termini tal-Art. 836(1)(a) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine sekwestrant.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |